# Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)

### Bħala Qorti ta` Ġudikatura Kriminali

*Maġistrat Dottor Aaron M. Bugeja M.A. Law, LL.D. (melit)*

**Il-Pulizija**

**(Spettur Jurgen Vella)**

**vs**

**Philip Sciberras**

Il-Qorti:

Wara li rat l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tal-imputat **Philip Sciberras, ID 156579M** u li permezz tagħhom ġie imħarrek talli : -

1. nhar il-11 ta' Frar 2014 għal ħabta tal-ħamsa ta' wara nofsinhar (17:00hrs) ġewwa razzett 'Lajmecc' li jinstab ġewwa Triq Garibaldi, l-Marsa *u/jew* fl-awkati tiegħu żamm jew ġarr arma tan-nar 'Shotgun' tal-għamla Luigi Franchi bin-numru tar-reġistrazzjoni S72394 li kienet ikkargata, jew bl-iskratac fil-kompartiment tal-iskrataċ tal-arma, jew barra l-għata tagħha, f'post fejn mhux permess l-isparar fuq il-kaċċa.
2. Talli ukoll fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi, ġarr arma tan-nar 'Shotgun' tal-ghamla Luigi Franchi bin-numru tar-reġistrazzjoni

S72394, kemm jekk ikkargata kemm jekk mhix, li ma kienetx fl-għata tagħha, u spara l-imsemmija arma tan-nar, waqt li kien f' distanza ta' inqas minn 200 metru minn xi belt jew raħal, jew zona abitata oħra, jew xi waħda mix-xtajtiet elenkati fl-iskeda VII, jew f'medda ta' 50 metru minn toroq principali jew arterjali.

3. talli ukoll fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi ġarr 'il barra minn xi fond jew id-dintorni tiegħu xi sikkina jew strument li jaqta' jew bil-ponta ta' liema xorta jkun mingħajr ma kellu liċenza jew permess mingħand il-Kummissarju tal-pulizija;
4. talli ukoll fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi mingħajr ma darab jew sawwat, hedded bil-ġebel jew bi ħwejjeg oħra iebsin, jew iwaddabhom, jew qabad armi oħra kontra Ahmad Kasem, Mamdouh Altllas, Mohamed Kasem, Saleh Khasem, Abdul Majid Kasem, u/jew persuni ohra.
5. Talli ukoll fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi għamel lil Ahmad Kase *u/jew* persuni oħra, inġurji jew theddid mhux imsemmijin band'oħra f'dan il-Kodiċi, jew jekk ipprovoka, inġurja b'mod li ħareġ barra mil-limiti tal-provokazzjoni.
6. Talli ukoll fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi b'xi mod ieħor mhux imsemmi band'ohra f'dan il-Kodiċi, kiser volontarjament il-bon-ordni jew il-kwiet tal-pubbliku;
7. Ukoll talli nhar it-12 ta' Frar 2014 u żminijiet preċedenti ġewwa 7, Triq Chester, il-Marsa, b'diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti kiser l-istess disposizzjonijiet tal-Liġi, b'risoluzzjoni

waħda billi żamm armi u munizzjon imniżlin taħt l-Iskeda I u l-Iskeda II jinsabu ma' l-Att, maqfulin sew f'post sigur ġewwa r-residenza tiegħu u naqas li jiżgura li ħadd ħliefu ma jkollu aċċess għalihom;

8. B'hekk sar reċidiv ai termini tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta, b' sentenza mgħotija mill-Qorti tal-Maġistrati ta' Malta, mill-Magistrat Dr. A. J. Vella LL.D. liema sentenza hija definittiva u ma tistax tiġi mibdula.
9. Il-Qorti hija mitluba sabiex f'każ ta' ħtija, barra milli tapplika l-piena skond il-liġi, tordna lill-imputat Philip Sciberras, iħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti skond l-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.
10. Il-Qorti hija mitluba li minbarra il-piena skond il-liġi tordna il-konfiska tal-corpus delicti, f'dan il-każ Shotgun' tal-ghamla Luigi Franchi bin-numru tar-reġistrazzjoni S72394 li serviet jew li kien maħsub li serviet sabiex isir id-delitt, u dan bi ksur tal-artikolu 23 tal-Kapitlu 9 u regolament 27 tal-liġi sussidjarja 504.71 tal-Liġijiet ta' Malta.
11. Il-Qorti hija ukoll mitluba li minbarra l-piena skond il-liġi tingħata sospenzjoni ta' kull liċenza jew permess maħruġa taħt ir-regolamenti tal-liġi sussidjarja 504.71 u tal-Kap. 480 tal-Att dwar l-Armi tal-Liġijiet ta' Malta u taħt it-Taqsima XV tal-Kodiċi tal-Liġijiet tal-Pulizija għal żmien li jidrilha xieraq din il-qorti.

Rat l-atti u d-dokumenti eżebiti;

Semgħet ix-xiehda imresqin mill-Prosekuzzjoni, fosthom lil Ahmed Kasem u lil Mohammed Kasem li ddikjaraw li kienu qegħdin jirrinunzjaw għall-azzjoni kriminali kif ukoll li talb lill-Qorti sabiex teżentahom milli jixhdu biex ma jinkriminawx lilhom infushom.

Rat li l-imputat, debitament assistit mill-Avukat dottor Gianluca Caruana Curran tenna li huwa ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu, ħlief għar-raba' u ħames imputazzjonijiet.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tiegħu inkluż fis-sens illi għar-reati li għadu kif ammetta għalihom jista' jingħata piena ta' priġunerija jew pieni pekunjarji u wara li tagħtu ftit taż-żmien sabiex jiddeċiedi jekk hux sejjer jerġa lura minnha, l-imputat wieġeb li huwa ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu ħlief għar-raba u l-ħames imputazzjonijiet.

Il-Qorti rat li fid-dawl tal-ammissjoni inkondizzjonata tal-imputat fir-rigward tal-imputazzjonijiet kollha ħlief għar-raba u l-ħames imputazzjonijiet tqis li ma għandhiex alternattiva għajr ħlief li ssib lill-imputat ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu ħlief għar-raba u ħames imputazzjonijiet;

Rat li l-Uffiċjal Prosekutur stqarr li huwa ma kellux provi oħra xi jressaq fir-rigward ir-raba' u ħames imputazzjonijiet.

Rat ukoll ir-relazzjoni ta' dottor Joseph Spiteri u senjatament il-konklużjonijiet milħuqa.

# DECIDE :

li filwaqt li ma ssibx lill-imputat ħati tar-raba u l-ħames imputazzjonijiet stante li dawn ma ġewx soddisfaċentement ippruvati sal-grad rikjest mill-Liġi, qiegħda ssib lill-imputat ħati tal-kumplament tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu u dan fuq l-ammissjoni inkondizzjonata tiegħu stess dwarhom u wara li rat l-Artikoli 17, 18, 23, 338(dd), 339(1)(e) u 533 tal-Kodiċi Kriminali nonche r-ragolamenti 17, 18(2)(a)(b), 27(3) ta' L.S. 504.71 kif ukoll ir-regolamenti 8(b), 15(a), 21(1)(A), 91 ta' L.S. 480.02, kif ukoll tal-Artikolu 6 u 50 tal-Kapitolu 480 tal-Liġijiet ta' Malta tikkundannah :

(a) Kwantu għall-ewwel, it-tieni, it-tielet, is-sebgħa u t-tminn imputazzjonijiet għall-piena komplessiva ta' elf euro (€1000) multa, li għandha titħallas fi żmien sitt xhur millum;

(b) Kwantu għas-sitt imputazzjoni, tqis li fiċ-ċirkostanzi tal-każ jissusistu r-rekwiżiti ai termini tal-Artikoli 7(1)(2) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta il-Qorti qegħda tqiegħed lill-imputat taħt

ordni ta' probation għal perjodu ta' sentejn millum. Ai termini tal-Artikolu 7(7) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta il-Qorti fissret lill-ħati bi kliem ċar u li jinftiehem, l-effetti tal-ordni ta' probation kif ukoll tal-kondizzjonijiet kollha elenkati fid-Digriet anness ma' din is-sentenza u li f'każ li jonqos milli jikkonforma ruħu ma' dawk l-ordnijiet u dawk il-kondizzjonijiet u/jew f'każ li jagħmel reat ieħor tul it-terminu tal-ordni ta' probation, jista jingħata sentenza għar-reat li tiegħu instab ħati b'din is-sentenza. Ai termini tal-Artikolu 7(8) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza u tal-ordni ta' probation mogħti bid-Digriet ta' llum stess għandhom jiġu trasmessi minnufih lid-Direttur tas-Servizzi ta' Probation u Parole sabiex jassenja uffiċjal tal-probation biex ikun responsabbli għas-sorveljanza tal-ħati. L-Uffiċjal tal-*Probation* assenjat għandu jirrapporta bil-miktub lill-Qorti kompetenti bil-progress tal-ħati kull sena. Inoltre, il-Qorti qegħda tagħmel ordni ta' trattament ai termini tal-Artikolu 412D tal-Kodiċi Kriminali u dan sabiex tassigura li l-kundizzjoni imsemmija mill-Psikjatra Joseph Spiteri tiġi mħarsa mill-ħati;

(c) Inoltre il-Qorti tikkundanna lill-ħati sabiex ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali iħallas l-ispejjeż peritali kollha in konnessjoni ma' dan il-każ u ċjoe fl-ammont ta' mhux anqas minn erba' mija u erba' euro sebgħa ċenteżmi (€404.07) u dan lir-Reġistratur, Qrati u Tribunali Kriminali;

(d) Oltre minn hekk tordna wkoll il-konfiska tas-shorgun Luigi Franchi bin-numru tas-serie S72394 nonche l-konfiska tal-mus eżibit fl-atti ta' dan il-każ u dan a favur tal-Gvern ta' Malta;

(e) Finalment, ai termini tar-regolamenti 92 tal-L.S. 480.02 kif ukoll tar-regolament 27 tal-L.S. 504.71 (iżda mhux fit-termini tal-Artikolu 56 tal-Kapitolu 480 tal-Liġijiet ta' Malta) tordna s-sospensjoni ta' kull liċenza u permess maħruġa taħt l-istess Liġi u dan għal perjodu ta' sentejn millum.

***Mogħtija illum id-29 ta' Settembru 2015 fil-Qrati tal-Ġustizzja, Valletta.***

***Aaron M. Bugeja.***